PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2181(INI)

26.1.2009

EMENDI
1 - 31

Abbozz ta' rapport
Jeanine Hennis-Plasschaert
(PE415.255v02-00)

dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea u esperjenzi simili f'pajjiżi terzi
(2008/2181(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw pressjoni kbira ħafna minħabba l-immigrazzjoni illegali, minħabba li persuni minn pajjiżi terzi jippruvaw jiġu hawn, spiss b'mod li jirriskjaw ħajjithom u billi joqogħdu fuq traffikanti tal-bnedmin,

Or. en

Emenda 2
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi t-theddida li jippreżentaw it-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità transkonfinali tirrikjedi li tissaħħaħ is-sigurtà fil-fruntieri billi tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-Istati Membri rigward il-ġestjoni tal-fruntieri esterni,

Or. en

Emenda 3
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-koperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għas-sigurtà tal-fruntieri hija prijorità fil-politika esterna ġenerali tal-UE u hija mmirata għal sħubija sostenibbli,

Or. en

Emenda 4
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-fruntiera esterna tal-UE tinqasam kull sena minn 160 miljun ċittadin tal-UE, 60 miljun ċittadin ta' pajjiż terz li ma jeħtieġux viża u 80 miljun li jeħtieġuha,

Or. en

Emenda 5
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi l-miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà fil-fruntieri trid tmur id f'id mal-faċilitazzjoni tal-flussi tal-passiġġieri u l-promozzjoni tal-mobilità f'dinja dejjem aktar globalizzata,

Or. en

Emenda 6
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi qed jitqajmu dubji dwar l-operabilità u l-affidabilità ta' strumenti eżistenti bħas-SIS II u l-evalwazzjoni tagħhom se tiddeċiedi jekk is-sistema hux se tiġi abbandunata jew le,

Or. en

Emenda 7
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Huwa konxju mill-fatt li l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess (overstayers), li huma l-qofol tas-sistema proposta ta' dħul/ħruġ, suppost jirrappreżentaw l-akbar kategorija ta' immigranti illegali fl-UE; jitlob, madankollu, aktar informazzjoni dwar id-dejta miġbura minn kuntrattur estern li tipprova li 'kien hemm sa 8 miljun immigrant illegali fl-UE fl-2006';[1] jinsisti wkoll dwar il-ħtieġa ta' definizzjoni ċara tal-frażi 'persuna li tibqa' f'pajjiż wara li *jiskadilhom il*-permess', kif ukoll tal-eżenzjonijiet li jistgħu jsiru f'każijiet speċifiċi;	1. Huwa konxju mill-fatt li l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess (overstayers), li huma l-qofol tas-sistema proposta ta' dħul/ħruġ, suppost jirrappreżentaw l-akbar kategorija ta' immigranti illegali fl-UE; jitlob, madankollu, aktar informazzjoni dwar id-dejta miġbura minn kuntrattur estern li tipprova li 'kien hemm sa 8 miljun immigrant illegali fl-UE fl-2006';[1] jinsisti wkoll dwar il-ħtieġa ta' definizzjoni ċara tal-frażi 'persuna li tibqa' f'pajjiż wara li *jiskadilha l*-permess', kif ukoll tal-eżenzjonijiet li jistgħu jsiru f'każijiet speċifiċi***, u analiżi kwalitattiva u kwantitattiva iktar dettaljata dwar it-theddid/riskji/spejjeż għas-soċjetà Ewropea***;

[1] SEC(2008) 0153.

Or. en

Emenda 8
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiġbed l-attenzjoni li, minkejja li s-sistema proposta u l-informazzjoni ta' twissija jistgħu jgħinu biex*** *jiskuraġġixxu* lil ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) milli jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, ***kif ukoll biex jipprovdu dejta u informazzjoni dwar kif dan iseħħ,*** kuntatt ulterjuri mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibqa' meħtieġ sabiex jinqabdu l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess***, u għalhekk ma jaħsibx li s-sistema proposta se twaqqaf daqstant dan il-fenomenu***;	2. ***Mhuwiex konvint li s-sistema proposta*** *tiskoraġġixxi* lil ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) milli jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess***, u jemmen li, għall-kuntrarju, tinkoraġġixxi lil dawk li s-sitwazzjoni tagħhom saret irregolari sabiex jibqgħu fit-territorju tal-UE għax jibżgħu li jiġu arrestati fil-fruntieri***; ***jenfasizza, barra minn hekk, li*** kuntatt ulterjuri mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibqa' meħtieġ sabiex jinqabdu l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess;

Or. fr

Emenda 9
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiġbed l-attenzjoni*** li***, minkejja li*** s-sistema proposta u l-informazzjoni ta' twissija jistgħu jgħinu biex jiskuraġġixxu lil ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) milli jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, kif ukoll biex jipprovdu dejta u informazzjoni dwar kif dan iseħħ***, kuntatt ulterjuri mal-awtoritajiet*** tal-infurzar tal-liġi ***jibqa' meħtieġ sabiex jinqabdu l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, u għalhekk ma***	2. ***Huwa konxju*** li s-sistema proposta u l-informazzjoni ta' twissija jistgħu jgħinu ***sa punt sinifikanti*** biex jiskuraġġixxu lil ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) milli jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, kif ukoll biex jipprovdu dejta u informazzjoni dwar kif dan iseħħ; ***jemmen, madankollu, li huwa meħtieġ ukoll li tiġi stabbilita sistema koerenti u effiċjenti biex id-dejta li tinġabar tiġi mgħoddija lill-aġenziji*** tal-infurzar tal-liġi ***biex ikunu***

jaħsibx li s-sistema proposta se twaqqaf daqstant dan il-fenomenu;	***jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa***;

Or.ro

Emenda 10
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***M'għandux biżżejjed*** informazzjoni dwar kif din is-sistema se tkun integrata fil-qafas eżistenti u kif se taħdem magħha, dwar il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fis-sistemi eżistenti u dwar l-ispejjeż reali li se tiġġenera***; għalhekk huwa tal-fehma li n-neċessità assoluta tal-implimentazjzoni ta' sistema bħal din tibqa' dubjuża***;	3. ***Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar*** informazzjoni dwar kif din is-sistema se tkun integrata fil-qafas eżistenti u kif se taħdem magħha, dwar il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fis-sistemi eżistenti u dwar l-ispejjeż reali li se tiġġenera;

Or. ro

Emenda 11
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar li t-tħaddim tajjeb tas-sistema ta' dħul/ħruġ se jiddependi kemm materjalment u kif ukoll operazzjonalment fuq is-suċċess tal-VIS u s-SIS; jirrimarka li dawn iż-żewġ strumenti għadhom mhumiex qed jaħdmu b'mod sħiħ u li għaldaqstant għadu ma kienx possibbli li jiġu evalwati kif suppost; jenfasizza li fil-każ tal-SIS it-testijiet preċedenti tas-sistemi nazzjonali s'issa taw riżultati negattivi, peress li ħafna Stati Membri għadhom mhumiex

lesti f'termini tekniċi;

Or. fr

Emenda 12
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota, bla dubju u wara t-tagħlimiet mill-Istati Uniti, li hija sfida akbar li jiġu stabbiliti infrastrutturi ta' ħruġ milli ta' dħul, u b'mod partikulari fir-rigward tal-ħruġ bil-baħar u fuq l-art; barra minn hekk, wara dawn it-tagħlimiet, għandu preokkupazzjonijiet konsiderevoli dwar l-effiċjenza f'sens ta' nfiq ta' sistema bħal din;	4. Jinnota, bla dubju u wara t-tagħlimiet mill-Istati Uniti, li hija sfida akbar li jiġu stabbiliti infrastrutturi ta' ħruġ milli ta' dħul, u b'mod partikulari fir-rigward tal-ħruġ bil-baħar u fuq l-art; barra minn hekk, wara dawn it-tagħlimiet, għandu preokkupazzjonijiet konsiderevoli dwar l-effiċjenza f'sens ta' nfiq ta' sistema bħal din***, peress li tirrikjedi investiment kbir għal riżultati li s'issa ma jidhrux li huma ta' utilità kbira biex jiġu miġġielda l-immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità***;

Or. fr

Emenda 13
Rareş-Lucian Niculescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota, bla dubju u wara t-tagħlimiet mill-Istati Uniti, li hija sfida akbar li jiġu stabbiliti infrastrutturi ta' ħruġ milli ta' dħul, u b'mod partikulari fir-rigward tal-ħruġ bil-baħar u fuq l-art; ***barra minn hekk, wara dawn it-tagħlimiet, għandu preokkupazzjonijiet konsiderevoli dwar l-effiċjenza f'sens ta' nfiq ta' sistema bħal din***;	4. Jinnota, bla dubju u wara t-tagħlimiet mill-Istati Uniti, li hija sfida akbar li jiġu stabbiliti infrastrutturi ta' ħruġ milli ta' dħul, u b'mod partikulari fir-rigward tal-ħruġ bil-baħar u fuq l-art; ***jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni adizzjonali dwar il-possibilitajiet konkreti li jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-sistema proposta***;

Or. ro

Emenda 14
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jirrikonoxxi li parti mid-dejta meħtieġa biex tinħoloq sistema ta' Dħul/Ħruġ diġà tinġabar permezz tas-sistemi eżistenti bħall-VIS, is-SIS u l-EURODAC. Għaldaqstant l-approċċ ulterjuri tal-Kummissjoni għandu jkun ibbażat fuq l-interkonnessjoni tas-sistemi attwali u l-estensjoni tal-funzjonalitajiet tagħhom, li jiżgura l-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta addizzjonali. Iqis li, jekk tintuża sistema integrata, tiżdied l-effiċjenza mil-lat tal-infiq u l-attività fil-punti transkonfinali tkun aktar effiċjenti;

Or. en

Emenda 15
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jitlob lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-implikazzjonijiet l-oħra tal-individwazzjoni ta' 'persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess', l-aktar rigward l-awtoritajiet kompetenti li tintbagħtilhom din id-dejta jew li se jkollhom aċċess għal dejta bħal din u b'liema kundizzjonijiet;

Or. en

Emenda 16
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Bħala prinċipju jappoġġja l-kunċett ta'*** RTP għat-TCNs, kemm jekk ikunu suġġetti għall-obbligu ta' viża kif ukoll jekk ma jkunux***, kif ukoll l-użu eventwali ta'*** barrieri awtomatiċi ***miċ-ċittadini*** tal-UE, peress li l-liġi Komunitarja kif inhi bħalissa ma tippermettix is-simplifikazzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri ħlief fil-każ ta' TCNs li joqogħdu f'zoni ħdejn il-fruntieri;	5. ***Jirrikonoxxi li kieku jkollha tiġi stabbilita sistema ta' dħul/ħruġ,*** RTP għat-TCNs, kemm jekk ikunu suġġetti għall-obbligu ta' viża kif ukoll jekk ma jkunux***, tgħin biex tħaffef il-flussi tal-vjaġġaturi u tevita li jkun hemm konġestjoni fil-punti tad-dħul u l-ħruġ***; ***jappoġġja, fil-prinċipju, l-idea li jintużaw*** barrieri awtomatiċi ***għaċ-ċittadini*** tal-UE, peress li l-liġi Komunitarja kif inhi bħalissa ma tippermettix is-simplifikazzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri ħlief fil-każ ta' TCNs li joqogħdu f'zoni ħdejn il-fruntieri;

Or. fr

Emenda 17
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5. Jissuġġerixxi li s-Sistema Awtomatizzata ta' Kontroll fil-Fruntieri għandha tiġi konnessa mas-sistemi eżistenti ta' twissija;

Or. en

Emenda 18
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jikkritika, madankollu, it-terminoloġija użata fil-*Komunikazjzoni* intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea (vjaġġaturi 'ta' riskju żgħir'/'bona fide'), billi timplika li għadd enormi ta' vjaġġaturi huma meqjusa a priori bħala 'ta' riskju kbir' jew 'mala fide';	6. Jikkritika, madankollu, it-terminoloġija użata fil-*Komunikazzjoni* intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea (vjaġġaturi 'ta' riskju żgħir'/'bona fide'), billi timplika li għadd enormi ta' vjaġġaturi huma meqjusa a priori bħala 'ta' riskju kbir' jew 'mala fide'***, u jirrakkomanda t-terminu 'vjaġġaturi frekwenti'***;

Or. en

Emenda 19
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinsab imħasseb li dan il-programm jista' joħloq forma ta' diskriminazzjoni bejn il-vjaġġaturi, speċjalment jekk il-parteċipazzjoni tkun bil-kundizzjoni li jsir il-ħlas ta' dritt ta' sħubija, bħalma hu l-każ fl-Istati Uniti u l-Olanda;

Or. fr

Emenda 20
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiġbed l-attenzjoni li diversi Stati Membri diġà waqqfu jew qed iħejju biex iwaqqfu ***programm*** RTP, u jenfasizza r-riskju li nsibu ruħna b'mużajk ta' sebgħa u għoxrin sistema bbażata fuq kriterji differenti, fosthom dawk dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-ħlasijiet; huwa konxju mill-fatt li l-Olanda, kif ukoll il-Ġermanja, ir-Renju Unit u FRONTEX, qed jippruvaw jippromwovu *l-ptogramm* 'International Expedited Traveller' bħala mudell possibbli għall-Istati Membri l-oħra;	7. Jiġbed l-attenzjoni li diversi Stati Membri diġà waqqfu jew qed iħejju biex iwaqqfu programm RTP *bħal dan* ***għat-TCNs***, u jenfasizza r-riskju li nsibu ruħna b'mużajk ta' sebgħa u għoxrin sistema bbażata fuq kriterji differenti, fosthom dawk dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-ħlasijiet; huwa konxju mill-fatt li l-Olanda, kif ukoll il-Ġermanja, ir-Renju Unit u FRONTEX, qed jippruvaw jippromwovu *l-programm* 'International Expedited Traveller' bħala mudell possibbli għall-Istati Membri l-oħra;
	Or. en

Emenda 21
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jinnota li fil-fatt l-RTPs għat-TCNs huma differenti mill-RTPs għaċ-ċittadini tal-UE; jenfasizza għaldaqstant li għandha ssir distinzjoni ċara l-ħin kollu bejn dawn it-tnejn;
	Or. en

Emenda 22
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li ma jkunx għaqli, fir-	9. Jirrikonoxxi li ma jkunx għaqli, fir-

rigward tal-miżuri ta' sigurtà, li wieħed jiffoka l-attenzjoni biss fuq TCNs li jivvjaġġaw lejn l-UE minn pajjiżi b'obbligu ta' viża; jistaqsi, madankollu, jekk is-sistema proposta hijiex assolutament meħtieġa u jixtieq spjegazzjoni bir-reqqa tar-raġuni fundamentali għaliha; huwa konvint li koperazzjoni mill-qrib bejn ***is-servizzi ta' intelliġenza*** b'mod partikulari hija l-mod tajjeb kif għandna nimxu, aktar milli ġabra massiva ta' dejta inġenerali;	rigward tal-miżuri ta' sigurtà, li wieħed jiffoka l-attenzjoni biss fuq TCNs li jivvjaġġaw lejn l-UE minn pajjiżi b'obbligu ta' viża; jistaqsi, madankollu, jekk is-sistema proposta hijiex assolutament meħtieġa u jixtieq spjegazzjoni bir-reqqa tar-raġuni fundamentali għaliha; huwa konvint li koperazzjoni mill-qrib bejn ***l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi*** b'mod partikulari hija l-mod tajjeb kif għandna nimxu, aktar milli ġabra massiva ta' dejta inġenerali;
	Or. en

Emenda 23
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jikkunsidra li l-ħolqien ta' ESTA mhux finanzjarjament iġġustifikat u jissuġġerixxi li din is-sistema proposta tiġi sostitwita b'obbligu għat-TCNs li ma jeħtieġux viża li jużaw passaport biometriku meta jidħlu fl-UE;
	Or. en

Emenda 24
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni naqset milli tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) ***u*** lill-Grupp ta' Ħidma *Artikolu* 29	11. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni naqset milli tikkonsulta ***jew*** lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS)***, li minkejja dan kien esprima***

qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea'; jitlob lill-Kummissjoni biex ***tikkonsultahom*** fir-rigward ta' kull azzjoni f'dik il-Komunikazzjoni, peress li l-elementi bażiċi proposti jinvolvu l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' dejta personali;	***numru ta' preokkupazzjonijiet, jew*** lill-Grupp ta' Ħidma *tal-Artikolu* 29 qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea'; jitlob lill-Kummissjoni***, għaldaqstant,*** biex ***tikkonsulta lit-tnejn li huma*** fir-rigward ta' kull azzjoni f'dik il-Komunikazzjoni, peress li l-elementi bażiċi proposti jinvolvu l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' dejta personali;
	Or. fr

Emenda 25
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Huwa konxju mill-fatt li l-bijometrika teoretikament tikkonsisti f'identifikaturi personali effettivi għaliex il-karatteristiċi mkejla huma meqjusa li jiddistingwu lil kull persuna; madankollu, jisħaq fuq il-fatt li l-affidabilità tal-bijometrika qatt mhija assoluta u/jew mhijiex dejjem eżatta; għalhekk jiġbed l-attenzjoni li għandu jkun hemm proċeduri alternattivi *f'kull żmien*;	12. Huwa konxju mill-fatt li l-bijometrika teoretikament tikkonsisti f'identifikaturi personali effettivi għaliex il-karatteristiċi mkejla huma meqjusa li jiddistingwu lil kull persuna; madankollu, jisħaq fuq il-fatt li l-affidabilità tal-bijometrika qatt mhija assoluta u/jew mhijiex dejjem eżatta; għalhekk jiġbed l-attenzjoni li għandu jkun hemm proċeduri alternattivi *l-ħin kollu* ***u l-profili tar-riskju għandhom ikunu elaborati aħjar***;
	Or. en

Emenda 26
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Huwa tal-fehma, madankollu, li fil-qafas tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-immigrazzjoni, proposti fuq skala kbira qed jiżdiedu b'rata tal-iskantament;	16. Huwa tal-fehma, madankollu, li fil-qafas tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-immigrazzjoni, proposti fuq skala kbira qed jiżdiedu b'rata tal-iskantament; ***għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni biex taħseb f'termini tan-neċessità u l-ispiża tal-loġistika tal-fruntieri;***

Or. en

Emenda 27
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jikkundanna, barra minn hekk, il-kunċett li l-politika tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE tkun ibbażata fuq l-idea li l-vjaġġaturi kollha jkunu potenzjalment issuspettati u li jridu jippruvaw il-bona fede tagħhom;

Or. fr

Emenda 28
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jikkritika n-nuqqas ta' pjan ewlieni komprensiv li jistabbilixxi l-objettivi globali u l-istruttura tal-istrateġija tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE kif ukoll id-dettalji ta' kif il-programmi u l-iskemi kollha *marbuta* (li diġà qegħdin fis-seħħ, li	17. Jikkritika n-nuqqas ta' pjan ewlieni komprensiv li jistabbilixxi l-objettivi globali u l-istruttura tal-istrateġija tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE kif ukoll id-dettalji ta' kif il-programmi u l-iskemi kollha *relatati* (li diġà qegħdin fis-seħħ, li

qed jitħejjew jew li waslu fl-istadju tal-iżvilupp ta' politika) għandhom jaħdmu flimkien u kif jistgħu jittejbu r-rabtiet bejniethom;	qed jitħejjew jew li waslu fl-istadju tal-iżvilupp ta' politika) għandhom jaħdmu flimkien u kif jistgħu jittejbu r-rabtiet bejniethom; ***meta tqis l-istruttura tal-istrateġija tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE, il-Kummissjoni għandha qabel kollox tanalizza l-effikaċja tas-sistemi eżistenti tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jintlaħqu s-sinerġiji ottimali bejniethom. Bħala l-ewwel pass, għandu jitnieda proġett pilota biex jiġu evalwati fid-dettall is-sistemi li qed jitħaddmu, u fit-tieni fażi biex isir użu mir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni għal titjib ieħor li jkun meħtieġ;***
	Or. en

Emenda 29
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tkun konxja li l-kontroll tal-fruntiera esterna tal-UE għandu jkun ikkumplimentat bi programmi għat-tisħiħ tal-fruntieri ta' pajjiżi terzi ġirien tal-UE inklużi fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (Is-Sħubija tal-Lvant, il-EUROMED), u pajjiżi li jagħmlu parti mill-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għall-Ewropa tax-Xlokk;
	Or. en

Emenda 30
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjoni tas-sistemi eżistenti u, qabel kollox, ta' dawk li qed jitħejjew, u jenfasizza li l-abilità tal-UE li tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha tiddependi ħafna mis-suċċessi tagħha fil-ġestjoni tal-interdipendenzi fost programmi relatati, peress li d-duplikazzjoni u l-inkonsistenza fosthom ikollhom impatt negattiv fuq ir-rendiment *organizzattiv u fuq ir-riżultati* bħala konsegwenza;	18. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjoni tas-sistemi eżistenti u, qabel kollox, ta' dawk li qed jitħejjew, u jenfasizza li l-abilità tal-UE li tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha tiddependi ħafna mis-suċċessi tagħha fil-ġestjoni tal-interdipendenzi fost programmi relatati, peress li d-duplikazzjoni u l-inkonsistenza fosthom ikollhom impatt negattiv fuq ir-rendiment *u fuq ir-riżultati organizzattivi* bħala konsegwenza; ***huwa tal-fehma li l-ebda strumenti u sistemi ġodda m'għandhom jiġu mnedija sakemm l-għodod eżistenti jkunu qed jaħdmu b'mod sħiħ, sikuri u affidabbli;***

Or. en

Emenda 31
Roselyne Lefrançois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jesprimi dubji dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri proposti, meta jitqies kemm huma għaljin u r-riskji potenzjali li jippreżentaw għall-ħarsien tad-dejta;

Or. fr